DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210740** **20.04.2021**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI**

***MCAST – 20 sena ta' legat fil-qasam edukattiv***

"Il-gvern dejjem jara li jindirizza l-ħtiġijiet ta' kull student biex kulħadd ikollu l-possibbiltà li jimxi 'l quddiem fil-vjaġġ edukattiv u fl-għażla tal-karriera. Dan huwa proprju dak li qed twettaq l-MCAST bil-firxa wiesgħa ta' korsijiet li huma relevanti għad-dinja tax-xogħol", qalet il-Ministru għall-Edukazzjoni Justyne Caruana meta, flimkien mal-Prinċipal u l-Kap Eżekuttiv tal-MCAST, il-Professur James Joachim Calleja, ħadet sehem f'ċerimonja li matulha tnieda l-prospett tal-korsijiet tal-MCAST għas-sena 2021, kif ukoll ir-rebranding ta' din l-istituzzjoni edukattiva fl-okkażjoni tal-20 anniversarju tal-kulleġġ.

Il-Ministru Caruana qalet li l-gvern se jkompli joffri s-sostenn meħtieġ biex is-settur vokazzjonali u professjonali jibqa' ċentrali fil-preparazzjoni tal-istudenti u tal-ħaddiema tagħna. Żiedet li, "Qed inħarsu 'l quddiem biex naraw din l-istituzzjoni bħala protagonista fl-istrateġija post-COVID għax hija sieħeb importanti biex flimkien nilħqu l-miri edukattivi, soċjali u ekonomiċi ta' pajjiżna".

Fl-aħħar għoxrin sena, madwar 40,000 persuna komplew l-istudji tagħhom fl-MCAST filwaqt li bħalissa l-kulleġġ għandu 6,293 student full-time. Din hija storja ta' suċċess, storja ta' kulleġġ li rrisponda għall-bżonnijiet tal-ekonomija tal-pajjiż u tas-soċjetà fil-ħin opportun filwaqt li fetaħ il-bibien għall-istudenti biex jilħqu l-potenzjal tagħhom u ħadd ma jiġi eskluż.

Fil-prospett li tnieda, din is-sena l-MCAST qed toffri madwar 190 kors full-time f'oqsma u f'livelli differenti u sitt korsijiet ġodda: Advanced Diploma in Graphic Printing; Advanced Diploma in Hairdressing; Master of Science in Aerospace Engineering; Master in Artificial Intelligence for Industry 4.0; Master of Science in Mechanical Engineering and Sustainable Technology u Master in Retail.

Apparti dawn, din is-sena qed jiżdiedu wkoll il-korsijiet part-time. Il-prospett se jitqassam fl-iskejjel u fl-uffiċini tal-gvern lokali u jista' wkoll jitniżżel minn http://mcast.edu.mt/.

Dwar l-anniversarju tal-kulleġġ, il-Prinċipal u l-Kap Eżekuttiv tal-MCAST, il-Professur James Joachim Calleja qal, "L-okkażjoni tal-għoxrin sena anniversarju tal-kulleġġ hija opportunità biex inħarsu lura lejn il-ħidma u l-legat tul is-snin filwaqt li nirriflettu fuq il-preżent u nħarsu 'l quddiem. B'hekk, bil-prospett il-ġdid, qed invaraw ukoll l-emblema l-ġdida u r-rebranding".

Huwa spjega li s-simboli li jinsabu fl-emblema l-ġdida jirreferu għall-pilastri ewlenin li fuqhom huwa mibni l-kulleġġ: il-ħidma kreattiva, b'viżjoni internazzjonali u innovattiva. Il-kliem 'Scientia et



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Labore’. li jinsabu wkoll fl-emblema oriġinali mnaqxxa fuq il-binja tal-MCAST, ifisser ‘Permezz tal-Għarfien u x-Xogħol’, bil-Latin.

Il-punt ċentrali tal-immaġini l-ġdida hija l-id li qed iżżomm l-għodda li tirrappreżenta l-aspett prattiku u kreattiv tat-tagħlim vokazzjonali.

Iċ-ċerimonja kienet indirizzata wkoll mill-Professur Ian Refalo, President tal-MCAST, li spjega li l-MCAST dejjem tikber, tiddiversifika u tinbidel maż-żmien mingħajr ma tinsa l-qalb vokazzjonali u professjonali tagħha. Huwa qal li filwaqt li l-ekonomija għaddejja minn sfidi globali f’dawn iż-żminjiet ta’ pandemija, l-MCAST qed tniedi dan il-prospett biex issostni l-ħiliet li l-ekonomija għandha bżonn biex tirpilja.